C/2025/2981

26.5.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11954 — SOLINA / PORTOBELLO / EUROCEBOLLAS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2981)

1. Fis-16 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Solina France SASU ("Solina", Franza), ikkontrollata minn Astorg Asset Management S.à r.l. ("Astorg", Franza),

— Portobello Capital Gestion, SGEIC, S.A. ("Portobello", Spanja)

— Solions Ingredients, S.L. ("Eurocebollas", Spanja), ikkontrollata minn Grupo Alimentario Alberola S.L.U. ("GAA", Spanja) u Portobello.

Solina u Portobello se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Eurocebollas.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Solina hija kumpanija Franċiża attiva fil-provvista ta' ingredjenti aromatiċi u funzjonali għall-industrija tal-ipproċessar tal-ikel, kif ukoll għall-klijenti tas-servizzi tal-ikel u tal-forniment tal-ikel bl-imnut, u fl-industrija tan-nutrizzjoni fl-Ewropa,

— Portobello hija kumpanija Spanjola indipendenti ta' ekwità privata ta' nofs is-suq.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Eurocebollas huma dawn li ġejjin: it-tfassil, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet u ingredjenti veġetali lesti għall-użu fi Spanja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11954 — SOLINA / PORTOBELLO / EUROCEBOLLAS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË